MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 226/2007

**AB**
**vs**
**C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi r-rikorrenti AB u l-intimat C D B zzewgu fid-disgha (9) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha

u/jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghal partijiet li jaqdu l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg;

3. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tad-disgha (9) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut iddikjara li hu jaqbel li z-zwieg huwa null, u dan stante li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][a] tal-Kap.255 ; izda jsostni li hu kien “in bona fide meta zzewweg lir-rikorrenti, u bhala tali m’ ghandhux jkun hu li jbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.”

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-9 ta’ April 1994 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jaderixxi ma’ dan, ghalkemm isostni li hu kien in buona fede u ghalhekk, skond hu, m’ghandux ibati spejjez.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fid-9 ta’ April 1994 wara li kienu ilhom namrati ghal perjodu ta’ tlett snin, u meta l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 22 sena.

Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal bniet, wahda fis-6 ta’ Marzu 1995 u l-ohra fit-2 ta’ Novembru 1999, u ghalhekk rispettivament, wara sena u wara circa hames snin mid-data taz-zwieg.

Fis-sena 2001 circa l-attrici bdiet tkellem il-counsellor[1] taghha fuq il-problemi matrimonjali li kienet ghaddejja minnhom, partikolarment fis-snin 2004 u 2005; izda f’ Awwissu 2005 hija telqet bit-tfal mid-dar konjugali, wara konvivenza matrimonjali ta’ hdax [11]-il sena circa.

*Verzjoni Attrici*

Illi l-attrici tirrakkonta kemm kienet imdejqa tghix fid-dar tal-genituri taghha qabel iz-zwieg, fejn kienet soggetta ghall-abbuz fiziku minn naha ta’ missierha li gieli refa’ jdejh fuqha.[2] Issemmi okkazjoni meta, kellha 18-il sena, u missierha kien beda jsawwatha fuq wiccha. Ghalhekk qalet li meta saret taf lill-konvenut hija bdiet tohrog mieghu u “Kont kuntenta, ghax kont qieghda mieghu, kont inhossni safe [mieghu].”[3] Di fatti kien hemm zmien, meta l-attrici kienet tahdem mal-genituri tal-konvenut fil-mini market, u kienet taghmel kwazi l-gurnata kollha l’ boghod mid-dar tal-genituri taghha.

Izda, ghalkemm mal-konvenut kienet sabet appogg kbir, hija tghid li ma kinitx thobbu u ma kellhiex “feelings” ghalih; b’ mod li hija ma kinitx ferhana li ser tizzewweg lilu, tant, li skond hi, “lejliet it-tieg kbejt hafna, ghax ma ridx

---

[1] Dep. Mary Cassar fol.31 *et seq.*
[2] Dep. attrici fol.38 *et seq.*
[3] Ibid. fol.40

nizzewweg, pero’ ma kellhiex kuragg nerga’ lura. Dik il-habta ma kont tkellimt ma’ hadd, u hadd ma rani nibki, kont inzomm kollox go fija.”[4]; hija hasset li kienet ser taghmel zball.[5]

Hija tghid li ma kellhiex gibda fizika lejn il-konvenut, tant li “lanqas l-ewwel lejl ta’ mizzewgin ma xtaqt nersaq lejh sesswalment, pero’ imbaghad kont ftit u ta’ bilfors.”[6]

L-attrici tghid li fil-hajja mizzewga taghhom “ma kienx hemm certu glied, jigifieri ma niftakarx xi glied partikolari, pero konna qisna hbieb.” Tghid li sakemm twieldet l-ewwel tifla fis-6 ta’ Marzu 1995 ma kienx hemm problemi ta’ glied, izda sussegwentement beda jinqala’ l-inwkiet bejniethom peress li l-attrici kienet ta’ spiss tirrifjuta li jkollha xtaqsam sesswalment ma’ zewgha. Dan kien “minn ftit qabel it-twieldet tat-tieni tarbija” f’ Novembru 1999; kienet tiddejjaq meta l-konvenut jersaq lejha u kienet tirrifjutah “hafna”[7] drabi. Mandankollu, erba’ snin wara, huma kellhom it-tieni tarbija li skond l-attrici, ghalkemm ma kinitx ippjanata.

Kif mistenni dan l-atteggjament ta’ l-attrici kien jikkrea certu tensjoni u dwejjaq fil-konvenut, allura zewgha, u bdew il-problemi bejniethom ; bir-rizultat li l-attrici, ftit wara li twieldet it-tieni tarbija fit-2 ta’ Novembru 1999 kienet qalet lill-konvenut li riedet is-separazzjoni personali u kienet qaltlu “certu affarijiet dwar il-feelings tieghi li ma kienx jafhom qabel.”[8] Konsegwentement l-inkwiet matrimonjali zdied u l-konvenut iddecieda li jallonta ruhu mid-dar konjugali ; izda sussegwentement l-attrici biddlet fehmitha peress li finanzjarjament kienet tiddependi hafna mill-konvenut, izda dan xorta baqa’ jmur id-dar okkazzjonalment, u jaghmel xenati. Ghalhekk f’ Awwissu 2005 l-attrici telqet bit-tfal mid-dar konjugali.

---

[4] Aff. attrici fol.12 *et seq.*
[5] Dep. attrici fol.52.
[6] Aff. attrici fol.12
[7] Fol.47
[8] Dep. attrici fol.51

Fuq mistoqsija, tghid li huma kienu ghamlu l-att taz-zwieg l-ewwel darba ftit xhur qabel iz-zwieg. F’ dik l-okkazzjoni hija kellha biza’ kbira minn missierha, u “ma kontx daqshekk willing, u niftakar kont kbejt hafna dak il-lejl, hafna kont bkejt wahdi d-dar [ghax] ma hassejtnix daqshekk sodisfatta.”[9]

L-attrici tilmenta wkoll mill-fatt li matul il-konvivenza matrimonjali, partikolarment wara t-twelid tat-tieni tarbija, hija kienet tkun hafna waheda d-dar, peress li l-konvenut kien jahdem hinijiet twal “u kien jaghmel hafna overtime biex inhallsu d-dar li kellna, u jiena kont dejjem wahdi, anke meta ma kienx ikun xogholl ma kienx irid johrog mieghi ...... kont dejjem nohrog bit-tfal, rari konna nohorgu flimikien.”[10] Tghid li l-piz tal-familja u tat-trobbija tat-tfal kienet iggorru kollu hi, peress li kienet waqfet mill-impieg taghha, u l-piz finanzjarju kien igorru kollu zewgha.

*Verzjoni Konvenut*[11]
Il-konvenut jghid li huma kellhom gherusija normali ; u kien ukoll ikollhom relazzjonijiet intimi; izda f’ zewg okkazzjonijiet kien ipprova jhassar ir-relazzjoni li kellu ma’ l-attrici peress li kellu dubji jekk din kinitx verament thobbu, izda huwa xorta kompla bir-relazzjoni peress li kien jithassarha, stante li kienet ta’ sikwit tghidlu li ma kinitx kuntenta fid-dar tal-genituri taghha, kienet umiljata u abbuzata u kienet tghidlu kontra l-familjari taghha. B’hekk il-konvenut qatt ma wasal sabiex jitlaq lill-attrici defenittivament.

In propozitu, fix-xhieda tieghu jippreciza illi dak li kienet tirrakkontalu l-attrici fuq il-familjari taghha kien jistona hafna ma’ l-opinjoni li hu ghandu tal-genituri taghha. Jghid: “Jiena, x’ qalet hi x’ gara meta kienet id-dar, u ma kontx hemm, jien ma nistax nghid hux veru jew le ... pero’ il-mod li naf il-familja taghha jien, ghandi dubji kbar kemm setghu saru dawk l-affarijiet gravi li qed tghid hi, ghax nies sewwa.”[12]

---

[9] Ibid. fol.49
[10] Ibid. fol.55
[11] Affidavit fol.22 *et seq.* u Depozizzjoni fol.63 *et seq.*
[12] Fol.79

Huwa pero' jikkonferma li l-attrici, allura gharusa tieghu, kienet tghidlu li ma kinitx kuntenta fid-dar tal-genituri taghha, bir-rizultat li kienet tqatta' aktar hin mal-genituri tal-konvenut, u mal-konvenut wahdu, milli d-dar taghha.

Illi rigward it-tieg huwa jghid li ghal martu dan kien "show" u mohhha li taghmel aqwa minn haddiehor, bir-rizultat li l-partijiet fl-istadju inizjali taz-zwieg dahlu f' dejn sostanzjali.

Rigward il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut jghid li sa kemm twieldet iz-zghira, fis-sena 1999, u anke ghal xi zmien wara, huma kienu kuntenti, u specifikatament jghid li, anke l-attrici kienet tidher kuntenta.[13]

Jghid li z-zewgt itfal kienu ppjanati ; izda jammetti li huwa ma tantx kien iqatta' hin mal-familja tieghu peress li kien jahdem sieghat twal, stante li l-attrici kienet kapriccjuza finanzjarjament u dejjem tivvinta x' taghamel fid-dar. Jirrakkonta kif, wara li kienu mlew l-appartament li kienu xtraw qabel iz-zwieg, hija riedet li jkollhom dar, u ghalhekk dahhlu ghall-piz finanzjarju qawwi. Dan kien jirrikjedi li huwa jahdem hinijiet twal biex ihallas id-dejn, stante li huma kienu jghixu fuq paga wahda, peress li l-attrici ma kinitx tahdem.

Sussegwentement l-attrici bdiet tmur ghand counsellor izda lilu kienet tghidli li kienet qed tmur minhabba dak li kienet ghaddiet minnu fid-dar tal-genituri taghha. Eventwalment huwa beda jinnota deterjorament fil-hajja konjugali, sal-punt li "bil-mod il-mod, ahna wasalna f' sitwazzjoni fejn ma kienx hemm l-ebda feelings bejnietna." u jghid li fis-sena ta' qabel is-separazzjoni r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu waqqfu.

Il-konvenut jghid li f' dan iz-zmien huwa kien segwa l-passi taghha u kien raha fil-kumpanija ta' ragel iehor li ghadha mieghu sallum. Jghid li "kont naraha ma' persuna ohra ghaddejja fit-triq."[14]

---

[13] Fol.72
[14] Fol.73

Il-konvenut jikkonkludi l-affidavit tieghu billi jghid “illi l-hajja tieghi ma’ Aspiccat zgur meta hija bdiet relazzjoni ma’ persuna ohra ta’ nazzjonalita’ barranija, u dan sahansitra meta konna ghadna lanqas biss isseparajna.”[15] Fix-xhieda taghha moghtija sussegwentement l-attrici tghid li « kemm domna mizzewwgin... qatt ma qlibtilu ma’ ragel iehor.”[16]

Mistoqsi mill-Qorti jekk fid-data taz-zwieg huwa kien konxju mill-obbligi matrimonjali tieghu, il-konvenut jghid : “Dazgur, u zammejthom l-obbligi tieghi, sa l-ahhar, ghax sa sena ma jkollniex x’ naqsmu [sesswalment] ghamiltha jiena, ghalkemm irrizulta li kien hemm persuna ohra.”[17]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi z-zewg partijiet isostni li l-kunsens tal-konjugi kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu; “jew” b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konjugi l-iehor li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenjzali taz-zwieg.

Illi b’ referenza ghan-noti ta’ sottomissjonijiet studjati tal-partijiet, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici :

[1] Illi jinsab assodat fil-gurisprudenza [*App.C. Spiteri vs Spiteri - Vol.LXXXV.II.81*[18]]li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju mhux semplicement nuqqas ta’ hsieb, jew nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata

[15] Fol.23
[16] Fol.58
[17] Fol.69
[18] Vide wkoll kazistika aktar ricenti

hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri] "Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996*]

[2] Illi biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jgharaf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.

Konformament mal-premess jinghad li sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [*Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994*]. Huwa pacifikament akkolt li l-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma dawk naxxenti minn unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [*PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003*].

[3] Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell

gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [*PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003*][*vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati*]

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[19] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena [*Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra*].

Illi fil-meritu, il-Qorti, wara li ezaminat ix-xhieda prodotta u semghet liz-zewg partijiet, tosserva li l-attrici ma rnexxielhiex tipprova sodisfacentment uhud mill-fatti allegati minnha u li din il-Qorti thoss li huma nveritjeri.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici tghid li "Dak iz-zmien [qabel iz-zwieg] kien hemm problema serja fil-familja ta' l-attrici li affettwat il-fakolta' taghha li taghti l-kunsens validu."[20] In propozitu l-Qorti tosserva :

[a] Rigward l-allegazzjoni taghha dwar ir-relazzjoni hazina taghha mal-genituri taghha, u ma' huha, il-Qorti tosserva li din ma ssibx korroborazzjoni fil-provi, anzi tinsab kontradetta minnhom ; ghax ghajr ghall-allegazzjoni nuda

[19] Sottolinear ta' din il-Qorti
[20] Fol.91

u kruda taghha, il-provi taghha f' dan ir-rigward jikkonsistu f' dak li hija kienet tghid lill-konvenut, u f' dak li hija kienet qalet lill-counsellor aktar minn tmien snin wara z-zwieg; fi kliem iehor kien kollu detto del detto.

Inoltre, din l-allegazzjoni tinsab imdghajfa mill-konsiderazzjonijiet segwenti [1] in-nuqqas da parti tal-ġenituri taghha[21], allura xhieda tghha, li jsemmu jew almenu jaccennaw li l-attrici kienet imdejqa tghix maghhom qabel iz-zwieg ; [2] mill-istampa pozittiva li ha l-konvenut tal-ġenituri taghha meta sar jafhom aktar, tant li fix-xhieda tieghu stqarr li kien sabha difficli li jirrikoncilja dak li kienet tghid l-attrici fuqhom, ma' dak li kien ra hu b' ghajnejh susegwentement ; [3] mill-fatt mistqarr minn omm l-attrici fl-affidavit taghha li matul iz-zwieg hija kienet tkun granet ghandhom, u wkoll, "Akienet tiftah qalbha mieghi"[22]. Dan jistona ferma ma' dak li l-attrici kienet qalet lill-counsellor, u cioe' li hija fid-dar tal-genituri taghha hija kienet soggetta minn naha tal-mama' taghha ghall-abbuz psikologiku u emozzjonali.[23]

Ghaldaqstant dan il-fatt allegat li skond l-attrici kien affettwa l-fakolta' taghha li tati kunsens validu ma jirrizultax sodisfacentement provat.

Inoltre hija opportuna l-osservazzjoni li, il-fatt li, qabel iz-zwieg, l-attrici kienet tqatta' hafna hin ghand il-genituri tal-konvenut, ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni, stante li dan il-fatt jista' jkollu ragunijiet ferm diversi minn dawk li qeda tipprova tattribwixxi l-attrici, bhal per ezempju, setghet hassitha migbuda hafna lejhom u kienet, kif logikament mistenni, aktar kuntenta fil-prezenza tal-konvenut allura gharus taghha, multo magis meta dina kienet tahdem fl-istess hanut tal-genituri tal-konvenut u fejn kien jahdem l-istess konvenut.

[b] Rigward dak sottomess minnha fl-istess nota, li "l-uniku skop li l-esponenti kellha halli tidhol ghaz-zwieg kien dak li tahrab mis-sitwazzjoni familjari li kienet qeda tghix fiha

[21] Affs. Lino u Pauline Calamatta fols.15 u 16
[22] Aff. Pauline Calamatta fol.16
[23] Dep. Mary Cassar fol.32

dak iz-zmien."[24], il-Qorti tosserva li hi ma temminx li l-attrici kienet veritiera meta tghid li dan il-fatt allegat minnha kien l-uniku skop li ghalih izzewget lill-konvenut ; u l-provi juru li hi kienet dahhlet fiz-zwieg biex tikkonvivi mal-konvenut bhala zewgha, kif fil-fatt ghamlet ghal certu tul taz-zmien, li tibni familja mieghu, kif fil-fatt ghamlet meta ppjanaw b' success li jkollhom zewgt itfal, u li trabbi lil ulied komuni tal-partijiet, kif fil-fatt ghamlet b' involviment qawwi da parti taghha peress li l-konvenut, allura zewgha, kien jahdem sieghat twal.

Jigi osservat ulterjorment li, il-fatt li persuna tiddeciedi li tizzewweg, anke ghal motivi ohra, dan il-fatt per se ma jikkostitwix il-*caput nullitatis* li fuqu l-attrici qeda tibbaza t-talba taghha ; u din il-Qorti hi konvinta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom, iz-zewg partijiet kienu jafu x' kienu l-obbligi matrimonjali essenzjali taghhom, u riedu li jizzewgu biex jezegwixxu dawn l-obbligi, kif fil-fatt ghamlu. Dan isib konfort ukoll fix-xhieda tal-konvenut fejn jghid li, sakemm twieldet it-tieni tifla, u ftit taz-zmien wara, il-partijiet kienu kuntenti flimkien, u z-zwieg taghhom kien wiehed normali.

In propozitu din il-Qorti ma tistax ma tosservax li hija thoss inveritiera l-allegazzjoni attrici li mill-bidunett taz-zwieg hija kienet tiddejjaq li jkollha relazzjonijiet intimi mal-konvenut allura zewgha. Dan il-fatt, jinsab kontraddett mill-fatt tal-konvivenza, u tal-prokreazzjoni tat-tfal ippjanati f' dan iz-zwieg, kif ukoll mix-xhieda ta' l-istess konvenut.

Illi l-konsiderazzjonijiet premessi japplikaw ukoll, mutatis mutandis, ghal dak sottomess mill-konvenut fin-nota tieghu, fejn bazikament jghid li l-provi juru li l-partijiet ma kellhomx dik il-maturita' rikjesta ghall-validita' taz-zwieg ; li "l-oggett tal-kunsens taz-zwieg kien propju dak li r-rikorrenti tehles minn sitwazzjoni li kienet tarrekalha dwejjaq u mhux illi tidhol f' unjoni ma' l-esponent sabiex tibni futur mieghu."; "in-nuqqas ta' konoxxenza shiha ta' dak li kienu dehlin ghalih il-partijiet."; "in-nuqqas ta' maturita' affettiva" u li "huwa dejjem agixxa sabiex

[24] fol.91 – sottolinear tal-qorti

jikkuntenta u jakkomoda lir-rikorrenti ... u dejjem irrispetta l-hajja tieghu ma’ martu bhala familja bejniethom, u ma’ uliedhom u l-azzjonijiet tieghu dejjem kienu ntizi ghal gid ta’ martu u tal-familja tieghu”.

Illi in propozitu l-Qorti tosserva hekk :

Illi mill-provi ma jirrizultax provat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghhom il-partijiet kienu mmaturi b’ mod li ma setghux jaghtu l-kunsens validu, jew li ma kienux jafu jew ma kellhomx certu dixxerniment tad-drittijiet u obbligi matrimonjali. Dan ma rrizulta minn imkien, u l-fatti provati jinnewtralizzaw din l-asserzjoni gratuwita.

Illi ghar-ragunijet fuq spjegati din il-Qorti ma tikkonsidrax bhala provat il-fatt allegat mill-attrici li hi kellha relazzjoni tant hazina mal-genituri taghha li kienet dahlet fiz-zwieg unikament biex tahrab mis-sitwazzjoni tad-dar. Inoltre, il-provi tangibbli juru li hija dahlet fiz-zwieg biex tghix ma’ zewgha f’ unjoni diretta lejn il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied ; fi kliem iehor sabiex tibni familja mal-konvenut – kif fil-fatt ghamlet. Dan il-fatt jinnewtralizza wkoll l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici “ma kellhiex il-maturita’ affettiva mehtiega sabiex tikkontratta z-zwieg.” Il-fatti provati juru l-kuntrarju, u nonostante dak li tghid l-attrici, il-partijiet ghexu kuntenti fiz-zwieg ghal certu zmien u li fih kellhom zewgt itfal li l-attrici kienet tieghu hsiebhom hafna.

Inoltre, Il-fatt allegat minnha li “hija qatt[25] ma kellha hajra biex taghmel l-att sesswali ma’ l-esponent.” ukoll jinsab kontradett mill-provi, fosthom ix-xhieda tal-konvenut li jghid li kellhom gherusija bir-relazzjonijiet intimi u li sa wara t-twelid tat-tieni wild ma mmanifestawx problemi f’ dan ir-rigward.

Rigward l-ahhar parti tan-nota tieghu fejn il-konvenut jghid li huwa dejjem haseb biex jikkuntenta u jakkomoda lil martu u li l-azzjonijiet tieghu dejjem kienu ntizi ghal gid ta’ martu u tal-familja tieghu, il-Qorti tikkonsidera dan il-fatt sodisfacentement provat, u taccettah bhala veritier ;

[25] sottolinear tal-qorti

liema fatt jkompli jsahhha il-fehema tal-Qorti li, kuntrarjament ghal dak sottomess minnu fir-risposta guramentata tieghu, huwa ma kienx affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali.

Illi in konkluzjoni l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet :

[1] Illi mhux kull nuqqas tal-konjugi jkkostitwixxi raguni valida ghall-annullament taz-zwieg liema stitut huwa dixxiplinat minn regoli specifici u ta’ applikazzjoni rigida, tenut kont ta’ l-importanza tal-kuntratt taz-zwieg fis-socjeta’ u li ghalhekk ghandu dimensjoni ta’ ordni pubbliku;

[2] Illi, anke jekk maz-zmien l-attrici ndunat li kienet ghamlet zball fis-sens li ma kinitx sabet fil-konvenut dik l-istampa kif immaginata minnha, dan il-fatt ma jikkostitwix fil-ligi raguni ghall-annullament taz-zwieg fuq il-kawzali propsota miz-zewg partijiet;  ghax gja la darba l-partijiet kienu konxji tad-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja konjugali, u kienu kapaci li jezewguhom, kif fil-fatt ghamlu ghal certu tul ta’ zmien, allura hemm ostakolu serju ghall-konfigurazzjoni ta’ dan il-caput nullitatis.

[3] Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija nklinata li taccetta dak li xehed il-konvenut u cioe’ li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser minnhabba cirkostanzi li huma estranei ghar-raguni tat-talba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ma ssibx sostenn la fil-provi u lanqas fid-dritt, u ghalhekk ser tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------